



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 209/22

Il-Lussemburgu, 21 ta' Diċembru 2022

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-525/21 | E. Breuninger vs Il-Kummissjoni

Il-Qorti Ġenerali tiċċad bħala inammissibbli r-rikors tal-impriża ta' bejgħ bl-imnut Breuninger kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova għajjnuna mill-Ġermanja intiża li tikkumpensa t-telf imġarrab b'konsegwenza tat-trażżin matul il-kriżi tal-COVID 19

Huwa bi żball li Breuninger qieset li ġiet eskluża minn din l-iskema ta' għajjnuna hekk kif ikkomunikata, fejn għalhekk din l-impriża ma għandhiex interess li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tiġi annullata

Fil-21 ta' Mejju 2021, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kkomunikat lill-Kummissjoni Ewropea skema ta' għajjnuna fil-forma ta' appoġġ ekonomiku temporanju favur impriżi li l-attivitajiet tagħhom kienu ngħalqu minħabba miżuri adottati mill-Istat Federali u mil-Länder biex tiġi indirizzata l-pandemija, fit-territorju tagħha, fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 (iktar 'il quddiem l-"iskema federali ta' kumpens").

Konformement ma' din l-iskema federali ta' kumpens, l-awtoritajiet amministrattivi federali, reġionali u lokali setgħu, taħt ċerti ċirkustanzi, jagħtu sussidji diretti lill-impriżi li kienu ġarrbu telf bejn is-16 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Diċembru 2021 minħabba deċiżjonijiet ta' trażżin.

Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Mejju 2021¹, il-Kummissjoni ddikjarat din l-iskema kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikolu 107(2)(b) TFUE. Bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, l-għajjnuna intiża li tirrimedja d-danni kkawżati mid-diżastri naturali jew minn avvenimenti straordinarji oħra kienet kompatibbli mas-suq intern.

Il-kumpannija Ġermaniża E. Breuninger GmbH & Co, li hija attiva, b'mod partikolari, fis-settur tal-kummerċ bl-imnut, ippreżentat rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Madankollu dan ir-rikors ġie miċħud bħala inammissibbli mit-Tieni Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali li kkonstatat *ex officio* li din il-kumpannija ma kinitx iġġustifikat interess ġuridiku biex tadixxi l-Qorti Ġenerali.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Peress li l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà ta' rikors jirriżultaw minn eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà ta' ordni pubbliku, il-Qorti Ġenerali tfakkar li rikors għal annullament ippreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika huwa ammissibbli biss sa fejn din tal-aħħar ikollha interess li l-att ikkontestat jiġi annullat. Tali interess jippreżupponi li l-annullament tal-att ikkonċernat ikun jista', min-natura tiegħu, ikollu konsegwenzi ġuridiċi u li r-rikors għalhekk ikun jista', bir-riżultat tiegħu, jikseb benefiċċju għall-parti li tkun ippreżentatu.

Issa, fir-rigward tal-eżistenza, mill-perspettiva tar-rikorrenti, ta' interess ġuridiku għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali tosserva li r-rikors tar-rikorrenti jistrieħ fuq l-affermazzjoni żbaljata li hija ma kinitx eliġibbli għall-iskema federali ta' kumpens minħabba l-kundizzjoni, iddikjarata fl-Artikolu 2(2) tal-imsemmija skema, li

¹ Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 3999 final tat-28 ta' Mejju 2021 dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.62784 (2021/N) - Il-Ġermanja COVID-19 - Skema federali ta' kumpens (ĠU 2021, C 223, p. 25, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

L-impriżi li jwettqu attivitajiet imħallta, li minnhom uħud assolutament ma humiex ikkonċernati mit-trażżin, jistgħu jibbenefikaw mill-iskema federali ta' kumpens biss jekk l-attivitajiet ipprojbti jirrappreżentaw mill-inqas 80 % tad-dħul mill-bejgħ tagħhom. Fil-fatt, peress li l-attivitajiet kummerċjali online imwettqa mir-rikorrenti tqiesu li kienu konnessi mal-attivitajiet tagħha ta' kummerċ bl-imnut, l-attivitajiet kollha kienu tqiesu li ġew affettwati, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, mid-deċiżjonijiet ta' trażżin mogħtija waqt il-pandemija tal-COVID-19.

Min-naħa l-oħra, mid-diskussjonijiet li żvolgħew fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja rriżulta li l-impossibbiltà għar-rikorrenti li tikseb assistenza finanzjarja taħt il-programm federali ta' għajjnuna kienet fil-verità dovuta għall-applikazzjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi ta' kundizzjoni ta' eliġibbiltà mhux ikkomunikata lill-Kummissjoni, li kienet tirrikjedi li mill-inqas 30 % tad-dħul mill-bejgħ globali tal-persuna li titlobha tkun ġiet affettwata mid-deċiżjonijiet ta' trażżin.

Madankollu, sa fejn ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti jirrigwarda esklużivament il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, li permezz tagħha l-Kummissjoni ddikjarat l-iskema federali kkomunikata kompatibbli mal-Artikolu 107(2)(b) TFUE, din l-inklużjoni min-naħa tal-awtoritajiet Ġermaniżi ta' kundizzjoni ta' eliġibbiltà supplimentari li ma tinsab la espliċitament u lanqas impliċitament f'din l-iskema hija nieqsa minn rilevanza f'din il-proċedura.

Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li, fir-rigward tal-Artikolu 2(2) tal-iskema federali ta' kumpens, hekk kif ġiet iddikjarata kompatibbli mal-Artikolu 107(2)(b) TFUE fid-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti kienet eliġibbli għal għajjnuna taħt l-imsemmija skema. B'hekk il-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-annullament ta' din id-deċiżjoni ma jikseb ebda benefiċċju lil din tal-aħħar. Konsegwentement, hija tiċħad ir-rikors tagħha bħala inammissibbli minħabba nuqqas ta' interess ġuridiku.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali żżid li r-rikorrenti tista' tippreżenta rikors quddiem il-qrati Ġermaniżi li min-naħa tagħhom ikollhom jeżaminaw, jekk ikun il-każ wara li jkun rressqu talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk iż-żieda ta' kundizzjoni ta' eliġibbiltà supplimentari mill-awtoritajiet Ġermaniżi hijiex paragonabbli għal modifika ta' għajjnuna eżistenti, u, għalhekk għal għajjnuna ġdida suġġetta għall-obbligu ta' komunikazzjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 108(3) TFUE.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

